



Brussell, 6 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13773/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0159(NLE)

ACP 129
COAFR 217
WTO 298
RELEX 995

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11490/19 + ADD 1 - COM(2019) 347 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli proċedurali għall-medjazzjoni, ir-regoli proċedurali għall-arbitraġġ u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-arbitri - Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli proċedurali għall-medjazzjoni, ir-regoli proċedurali għall-arbitraġġ u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-arbitri (11490/19 + ADD 1).
2. Fid-19 ta' Settembru 2019, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP laħaq qbil dwar il-proposta.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
- jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli proċedurali għall-medjazzjoni, ir-regoli proċedurali għall-arbitraġġ u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-arbitri, kif jinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti fid-dokument 12346/19;
 - jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali;
 - jordna li d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE, ladarba tiġi adottata, tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali;
 - jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.
-